MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 568/2002/1

**Avviz Numru 568/02 AJD**
**Eco Pure Premium Water Co. Ltd**

**vs**

**FAMA (Distributors) Limited u Carmelo Curmi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Marzu, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u wiehed u tletin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm131.10) rapprezentanti skadenzi ta' kera ta' 'water dispense' minn Gunju 2000 sal-llum, bir-rata ta' Lm5.75 kull xahar skond kif miftiehem ( ammontanti Lm120.75) u r-rimanenti bilanc jirrapprezenta prezz ta' ilma supplit fuq inkarigu tal-konvenuti.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Ottubru 2001 u bl-imghax dekorribbli skond il-ligi sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn huma eccepew is-segwenti:
Illi Carmelo Curmi m’huwiex il-legittimu kontradittur.
Illi l-ammont rikjest minn FAMA (Distributors) limited m’huwiex dovut u dank if ser jirrizulta waqt it-trattazzzjoni tal-kawza.
Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema’ x-xhieda ta’ Carm Grech u tal-konvenut Carmelo Curmi. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li r-relazzjonijiet bejn il-partijiet fil-kawza odjerna huma regolati mill-iskrittura ta’ kera datata 10 ta’ Gunju 1999 u esibita a fol. 20 tal-process. Minn din l-iskrittura u mid-dokument esibit mill-konvenut a fol. 27 jirrizulta li l-ftehim relattiv sar bejn is-socjeta’ attrici u s-socjeta’ FAMA (Distributors) Limited u li l-konvenut l-iehor Carmelo Curmi iffirma diin l-iskrittura fil-kapacita’ tieghu ta’ direttur tal-imsemmija kumpanija. Jidher ghalhekk li m’hemmx relazzjoni guridika bejn il-konvenut Carmelo Curmi f’ismu proprju u s-socjeta’ attrici. L-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut Carmelo Curmi qed tigi ghalhekk milqugha.

Illi s-socjeta’ konvenuta ssostni li l-ammont mitlub fil-kawza odjerna ma jistghax jithallas minnha peress illi hija ntavolat proceduri legali kontra s-socjeta’ FAMA Supplies Limited in kwantu jirrigwarda l-access ghall-istabbiliment fejn giet konsenjata l-‘water dispwnser’ in kwistjoni. Apparti l-fatt li s-socjeta’ konvenuta ma gabet ebda prova rigwardanti l-ezistenza ta’ dawn il-proceduri gudizzjarji u dwar il-konnessjoni tal-istess proceduri mal-mertu tal-kawza odjerna, it-Tribunal huwa tal-fehma li r-relazzjonijiet bejn il-partijiet fil-kawza odjerna huma regolati bl-iskrittura tal-10 ta’ Gunju 1999 hawn fuq imsemmija. Is-socjeta’ FAMA Supplies Limited m’hijiex parti f’din l-iskrittura u ghalhekk kwalsisasi kwistjoni pendenti bejn is-socjeta’

konvenuta u l-imsemmija kumpanija ma tapplikax ghas-socjeeta' attrici u ma jista' jkollha ebda rilevvanza in kwantu jirrigwarda l-kirja tal-'water dispenser' li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna. Inoltre jrid jigi rilevat li Artikolu 1 ta' din l-iskrittura jistabbilixxi li "'First Partty agrees to lease to Second Party a Hot & Cold/Cold Water Dispenser for a period of one year effective 10th June 1999 until 10th June 2000 renewable automatically for a similair period unless either party gives a written notice to the other party two weeks prior to the expiry period of its desire not to renew the llease". Is-socjeta' konvennuta qatt ma nfurmat lis-socjeta' attrici bil-miktub ai termini ta' dan l-Arrtikolu li hija ma xtaqitx tirrinova l-ftehim tal-10 ta' Gunju 1999 liema ftehim gie ghalhekk rinnovat awtomatikament bil-konsegwenza li s-socjeta' konvenuta hija obbligata thallas l-ammont patwit ghall-kera tal-'water dispenser' in kwistjoni sallum kif mitlub mis-socjeta' attrici fil-kawza odjerna.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jillibera lill-konvenut Carmmelo Curmi mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta FAMA (Distributors) Limited u jikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u wiehed u tletin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm131.10), bl-imghaxiijieet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Oottubru 2001 , ghandhom jigu sopporrtati nterament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**